Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Sozialgericht Würzburg — Interpretazzjoni ta' l-Artikolu 71(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, ta' l-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU L 149, p. 2) — Kalkolu tal-benefiċċji tal-qgħad ta' barklor fuq ix-xmara Rhine ("Rheinschiffer") li matul l-aħħar impjieg tiegħu kien residenti fit-territorju ta' Stat Membru li ma kienx l-Istat fejn kien impjegat u ma kienx jirritorna ħlief kull ġimagħtejn, skond il-kuntratt tax-xogħol tiegħu, fil-post tar-residenza tiegħu — Kwalifika ta' dan il-ħaddiem bħala "ħaddiem fuq il-fruntiera" jew "ħaddiem, għajr ħaddiem fuq il-fruntiera".

Dispożittiv

It-talba għal deċiżjoni preliminari ppreżentata mis-Sozialgericht Würzburg, permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Settembru 2006, hija manifestament inammissibbli.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-23 ta' Mejju 2007 — Smanor *et* vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-99/07 P)

"Appell — Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza — Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni — Ilmenti rigward l-allegat nuqqas ta' Stat Membru li jwettaq obbligu — Nuqqas tal-Kummissjoni li tadotta pożizzjoni— Appell manifestament inammissibbli"

Appell — Raġunijiet — Sempliċi repetizzjoni tar-raġunijiet u l-argumenti mqajma quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza — Nuqqas ta' identifikazzjoni ta' l-iżball fid-dritt invokat — Inammissibbiltà (Artikolu 225 KE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 58(1); Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 112(1), par. 1, (c) (ara l-punti 15-17)

Suġġett

Appell mid-Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba Awla) ta' l-14 ta' Diċembru 2006, Smanor *et* vs Il-Kummissjoni (T-150/06), li bih il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet bħala inammissibbli r-rikors tar-rikorrenti intiż, minn naħa, li jikkontesta n-nuqqas ta' azzjoni tal-Kummissjoni inkwantu hija illegalment astjeniet milli tieħu pożizzjoni fuq l-ilmenti li huma ppreżentaw fl-1986 kontra r-Repubblika Franċiża u, min-naħa l-oħra, li jissospendi l-eżekuzzjoni ta' sentenza u ta' deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali.

Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) Smanor SA kif ukoll is-Sur u s-Sinjura Ségaud għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) ta' l-24 ta' Mejju 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju ta' Spanja

(Kawża C-361/05)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Immaniġġjar ta' skart — Direttivi 75/442/KEE u 1999/31/KE — Miżbliet illegali u mhux ikkontrollati — Miżbliet ta' Níjar, Hoyo de Miguel u Cueva del Mojób"

Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed in kunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 22)